MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Numru 1260/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**Vs.**

**Paul Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Paul Fenech ta' tlieta u sittin sena (63), bin Anthony u Josephine neè Desira, imwieled il-Belt Valletta fid-9 ta' Ottubru 1947 u residenti "Toscana" Triq il-Bahar l-Iswed, San Giljan, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 0922547(M), talli: (i) nhar il-25 ta' Novembru 2010 ghall-habta ta' 11.45hrs u jiem qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer impjega lil Ledia Bimbli ta' 24 sena minn gewwa l-Albanija, P/N Z1190639 gewwa Diamonds International li jinsab gewwa Hilton Hotel, San Giljan, jew ta xoghol lil persuna li ma

kenitx persuna ezentata u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjeg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta taht l-Artikolu 32(1)(b); u aktar ukoll (ii) talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, impjega persuna li ma kienitx cittadin ta’ Malta meta dik il-persuna ma kellhiex permess tax-xoghol bi ksur ta’ l-Artikolu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta’ Malta; u aktar ukoll (iii) talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuna li impjegat persuni ohra, full-time, part-time jew xort’ ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10);

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Rat li a tenur ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta’ l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti jkollha necessarjament issibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront teighu.

Il-Qorti tinnota li r-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat jirrizultaw kollha mill-istess fatt u *fejn l-istess fatt, rizultanti mill-istess u unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta’ diversi disposizzjonijiet tal-Ligi, ma*

*jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed, bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi*[1].

Sabiex jigi determinat liema huma r-reati li jridu jigu assorbiti fir-reat l-iktar gravi, trid bilfors tigi ezaminata l-piena applikabbli ghar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat.

Minn ezami tad-dispossizjonijiet rilevanti ghall-kaz in ezami, ossia l-Artikolu 32 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta u is-subartikolu (1) paragrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 3(a) u 10 ta' l-istess imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja [fl-att ta' l-akkuza indikati bhala Artikoli 3(a) u 10 ta' l-Avviz Legali 110 ta' l-1993] jirrizulta li l-iktar reat gravi hu dak dedott fl-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat li, ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta jimporta, f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' l-imputat, il-kundanna fil-konfront ta' l-imputat ghall-hlas ta' multa ta' mhux izjed minn €11,646.87 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita ghal dak ir-reat piena akbar b'ligi ohra.

In quanto rigward it-tieni u tielet imputazzjonijiet il-pieni imposti huma is-segwenti: ghat-tieni imputazzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' l-imputat, kundanna ghall-hlas ta' multa ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €2,329.37, u fuq talba tal-prosekuzzjoni u b'zieda mal-piena, is-sospensjoni jew thassir ta' kull licenza mizmuma mill-imputat u li tkun realttiva ghal kummerc jew negozju jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn huwa jkun impjegat (talba din ta' l-ahhar li fil-kaz in ezami mhux qed issir mill-Prosekuzzjoni) – fil-kuntest ta' tali reat ma japplikawx id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation; u ghat-tielet imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' l-imputat, kundanna ghall-hlas ta' multa ta' mhux inqas

[1] Pulizija v. Jacques Cassar, Appell Kriminali Nru. 212/04 deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2005.

minn €116.47 u mhux izjed minn €1,164.69, u fuq diskrezzjoni tal-Qorti b’zieda mal-multa, is-sospensjoni jew thassir ta’ kull licenza mizmuma mill-imputat u li tkun realttiva ghal kummerc jew negozju jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn huwa jkun impjegat – fil-kuntest ta’ tali reat ukoll id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation ma japplikawx.

Ghalhekk it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ghandhom jigu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ l-imputat.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat, issib lill-istess imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u wara li kkunsidrat l-Artikolu 32 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta u s-subartikolu (1) paragrafu (b) ta’ l-imsemmi artikolu tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 3a, 7 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u disa’ mitt Euro (€1,900).

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------